C/2025/5752

24.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12152 – SPAR / VGS / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5752)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SES Spar European Shopping Centers GmbH ("SES", l-Awstrija), ikkontrollata minn HOLDAG Beteiligungsgesellschaft mbH (l-Awstrija),

— Vinzenz Gruppe Service GmbH ("VGS", l-Awstrija), ikkontrollata minn St. Vinzenz gemeinnützige Privatstiftung der Barmherzigen Schwestern (l-Awstrija).

SES u VGS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ffurmata ġdida.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— SES tiżviluppa, tibni u topera proprjetajiet multifunzjonali fuq skala kbira b'enfasi fuq il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi fl-Awstrija kif ukoll f'pajjiżi oħra tal-Ewropa ċentrali u n-Nofsinhar tal-Ewropa. SES hija parti mill-Grupp SPAR li huwa attiv fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut ta' ikel u prodotti ta' kuljum, u fil-kummerċ bl-imnut ta' prodotti sportivi u tal-moda fl-Awstrija u fil-pajjiżi ġirien,

— VGS hija attiva fis-settur tal-kura tas-saħħa u tal-indukrar, u tipprovdi b'mod partikolari servizzi tal-kura tas-saħħa lis-suq ġenerali bħall-parks tas-saħħa, il-faċilitajiet ta' riabilitazzjoni u servizzi oħrajn.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta ffurmata ġdida se jkunu dawn li ġejjin:

— L-impriża konġunta se topera parks tas-saħħa f'ċentri kummerċjali fl-Awstrija u se tiffoka fuq il-kiri ta' stabbilimenti għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa u s-servizzi ta' ġestjoni tal-post.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12152 — SPAR / VGS / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË